# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/130

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li tawtorizza lil laboratorji fiċ-Ċina jwettqu testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tar-rabbja

*(notifikata bid-dokument C(2015) 279)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar lill-*Agence française de sécurité sanitaire des aliments* (AFSSA) f'Nancy, Franza (integrata mill-1 ta' Lulju 2010 fl-*Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail,* ANSES), bħala l-istitut speċifiku responsabbli biex jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex tiġi ssorveljata l-effettività tat-tilqim tar-rabbja.

(2) Dik id-Deċiżjoni tistipula wkoll li l-ANSES għandha tiddokumenta l-evalwazzjoni tal-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw biex iwettqu testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tar-rabbja.

(3) L-awtorità kompetenti fiċ-Ċina ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Laboratorju Dijanjostiku għar-Rabbja u ż-Żoonożi Assoċjati ma' Organiżmi Slavaġ (DLR) tal-Istitut tar-Riċerka Veterinarja ta' Changchun f'Changchun u l-Laboratorju tal-Epidemjoloġija tal-Istitut tar-Riċerka Veterinarja Militari f'Changchun, li huma appoġġati minn rapport ta' evalwazzjoni favorevoli stabbilit għal dawk il-laboratorji mill-ANSES u datat il-15 ta' Settembru 2014.

(4) Għaldaqstant, dawk il-laboratorji għandhom ikunu awtorizzati jwettqu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tar-rabbja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

B'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorji li ġejjin huma awtorizzati jwettqu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tar-rabbja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa:

(a) Diagnostic Laboratory for Rabies and Wildlife Associated Zoonoses (DLR)

Changchun Veterinary Research Institute (CVRI)

Chinese Academy of Agricultural Sciences (CAAS)

666 Liuying West Rd,

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

Jingyue Economic Development Zone,

Changchun 130122

China

(b) Laboratory of Epidemiology

Military Veterinary Research Institute,

Academy of Military Medical Sciences

666 Liuying West Rd, Jingyue Economic Development District

Changchun 130122

China

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Frar 2015.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*